



2020/2217(INI)

27.1.2021

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar strateġija Ewropea għad-data
(2020/2217(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Radka Maxová

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Strateġija Ewropea għad-data (COM(2020)0066) u japprova l-oġettiv tagħha li żżid u ttejjeb l-użu tad-data fl-UE u li toħloq suq uniku għad-data sabiex jiġu sfruttati t-tkabbir ekonomiku u l-koeżjoni soċjali u territorjali billi jingħata appoġġ lill-ħolqien tal-impjiegi, il-kompetittività, l-iżvilupp sostenibbli, ir-riċerka, l-innovazzjoni, il-ħolqien tal-impjiegi u l-progress fis-soċjetà; jenfasizza li sabiex tiġi żgurata l-fiduċja tal-pubbliku u titrawwem il-kondiviżjoni tad-data, huwa importanti li tiġi garantita l-interoperabbiltà tad-data u tas-sistemi tal-ipproċessar tad-data, li jippermettu l-flussi tad-data fost l-operaturi kulturali filwaqt li jiġu rispettati standards għolja fil-protezzjoni tad-data personali f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 2016/679¹, id-Direttiva (UE) 2019/790², kif ukoll mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 8 tagħha; jissottolinja li d-data personali għandha għalhekk tiġi pproċessata b'mod ġust għal finijiet speċifikati u abbażi tal-kunsens tal-persuna kkonċernata; jitlob il-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki u appoġġ għall-inizjattivi konġunti ta' infurzar, kif ukoll kodiċijiet ta' kondotta żviluppata b'mod konġunt, li jistgħu jkunu komponenti meħtieġa biex tittejjeb il-kondiviżjoni tad-data;
2. Ifakkar li ċ-ċittadini li huma midħla tad-data u li huma infurmati tajjeb madwar l-Istati Membri huma prekondizzjoni għall-ħolqien ta' fluss liberu u sigur tad-data li jkollu fil-qalba tiegħu d-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza; jirrimarka li bħalissa hemm diverġenzi sinifikanti bejn l-Istati Membri u fi hdnhom abbażi tal-istatus soċjoekonomiku, il-grupp ta' età u fatturi oħra fir-rigward tal-litteriżmu diġitali taċ-ċittadini tagħhom; jinnota li l-Kummissjoni pproponiet miri ambizzjużi għall-ħiliet diġitali fl-UE permezz tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali; jistieden lill-Kummissjoni ttiprovdi appoġġ sostanzjali lill-Istati Membri biex tgħinhom jilhqqu dawn il-miri u jenfasizza r-rwol tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza; jitlob li tingħata attenzjoni speċjali lill-aċċess ugwali għall-infrastruttura diġitali, il-kopertura tal-internet, tagħmir tal-IT adegwat u l-għodod u r-riżorsi diġitali, mingħajr preġudizzju għall-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità; iqis li t-tagħlim reċiproku u l-iskambju tal-aħjar prattiki bejn l-Istati Membri għandhom jikkontribwixxu għat-tiħiħ tal-litteriżmu diġitali; jenfasizza l-hteġa li l-implimentazzjoni, l-iżviluppi fil-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali u l-prestazzjoni tagħha jiġu mmonitorjati mill-qrib fuq bażi kontinwa, bl-involvement tal-Parlament Ewropew, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tirrifletti aħjar fl-eżerċizzju tas-Semestru Ewropew tagħha sa liema punt qed jintlaħqu l-għanijiet tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali;

¹ Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1.

² Id-Direttiva (UE) 2019/790 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar id-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-Suq Uniku Diġitali u li temenda d-Direttivi 96/9/KE u 2001/29/KE, ĠU L 130, 17.5.2019, p. 92.

3. Jenfasizza li s-settur diġitali jeħtieġ li jqiegħed is-sostenibbiltà fil-qalba tiegħu; ifakkar f'dan il-kuntest li kemm it-trasformazzjoni ekoloġika kif ukoll dik diġitali jridu jimxu id f'id u li l-investment fir-riċerka u l-iżvilupp tat-teknoloġiji huwa meħtieġ sabiex titnaqqas il-marka tal-karbonju;
4. Jemmen li, fost il-prijoritajiet fil-politika ta' koeżjoni tagħha għall-2021 u wara, l-UE għandha tinkludi t-tisħiħ tal-litteriżmu u l-kompetenzi diġitali, b'enfasi fuq l-appoġġ lill-għalliema, lill-istituzzjonijiet u l-organizzazzjonijiet edukattivi fl-implimentazzjoni tal-edukazzjoni diġitali fil-kurrikuli kollha u fuq il-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki u tal-għarfien espert, mingħajr ma jinħolqu piżijiet amministrattivi jew finanzjarji addizzjonali; jenfasizza li l-iskejjel għandhom jgħallmu l-versatilità diġitali, billi jawtonomizzaw lill-istudenti biex jużaw varjetà ta' tipi differenti ta' software u software li qed jevolvi; iqis li l-edukazzjoni u t-taħriġ għandu jkollhom l-għan li jawtonomizzaw liċ-ċittadini billi jħejjuhom għal ekonomija li kulma jmur qed issir aktar ibbażata fuq id-data u jiżviluppaw il-kapaċità tagħhom li jieħdu sehem fit-trasformazzjoni diġitali; f'dan il-kuntest, jenfasizza li mudelli ta' edukazzjoni ibrida ta' kwalità jistgħu jgħinu biex tiġi żgurata l-kontinwità tal-edukazzjoni f'emerġenzi u f'ċirkostanzi mhux previsti; iqis li l-edukazzjoni u t-taħriġ għandhom iqisu x-xejriet fit-tul u l-bidliet fil-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol u jtejbu wkoll il-ħiliet prattiċi għall-futur; jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni li tiġi żviluppata bażi tad-data komuni Ewropea tal-ħiliet;
5. Jinsab imħasseb serjament dwar l-għadd insuffiċjenti ta' programmi ta' edukazzjoni għolja speċifiċi għall-IA fl-UE, kif ukoll dwar in-nuqqas ta' riċerkaturi tal-IA li qed isegwu karriera akkademika fl-universitajiet Ewropej; huwa tal-fehma li sabiex tibqa' kompetittiva, l-UE jeħtieġilha trawwem u żżomm ġabra kbira ta' talent diġitali b'ħiliet diġitali avvanzati;
6. Jenfasizza l-ħtieġa urġenti li jingħalaq id-distakk fil-ħiliet diġitali tal-UE billi jiġu implimentati u segwiti sal-aħħar strateġiji ċari u politiki dedikati kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak tal-UE, u permezz ta' approċċ ġenwin ta' taġħlim tul il-ħajja, u jqis li l-kondiviżjoni u l-analiżi ta' data anonimizzata dwar il-ħiliet, il-kompetenzi, il-kwalifiki, l-impjiegi u x-xejriet tal-impjegabbiltà se jkunu għodod imprezzabbli biex jintlaħaq dan il-għan u biex jitnaqqas id-distakk fil-ħiliet diġitali; iqis li tali data tista' tintuża minn studenti prospettivi biex jagħmlu għażliet infurmati dwar il-perkorsi edukattivi, akkademiċi u tal-karriera tagħhom; jenfasizza kemm hu importanti li meta jkunu qed jintużaw dawn l-għodod jiġu rispettati bis-sħiħ ir-regoli tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data personali;
7. Jenfasizza l-valur tal-ftehimiet ta' sħubija strateġika bejn l-universitajiet biex tiġi promossa aktar il-kooperazzjoni fid-diversi oqsma tax-xjenza tad-data; jissottolinja l-importanza tar-rikonoxximent reċiproku awtomatiku tad-diplomi fil-livelli kollha tal-edukazzjoni, u tal-perjodi tat-taġħlim barra mill-pajjiż, u jitlob il-promozzjoni tal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki u l-iżvilupp tal-Karta Ewropea tal-Istudenti; jindika l-ħtieġa li jiġu appoġġjati l-programmi u n-networks ta' riċerka permezz tal-użu ta' data u innovazzjoni diġitali; jissottolinja l-ħtieġa li t-talent jitħarreġ, jiġi impjegat u jinżamm fl-Ewropa biex tiġi indirizzata u akkumpanjata t-tranżizzjoni diġitali u l-ħtieġa ta' programmi speċjalizzati, moduli u korsijiet ta' taħriġ fuq terminu qasir f'teknoloġiji diġitali avvanzati biex jiġu żviluppati l-ħiliet diġitali fil-professjonijiet ewlenin, speċjalment f'dawk li jinvolvu l-immaniġġjar tad-data, inkluża d-data sensitiva;

jenfasizza l-ħtieġa ta' politiki mmirati biex jingħalaq id-distakk bejn il-ġeneri billi jiġi żgurat aċċess ugwali għas-suq tax-xogħol diġitali u l-kurrikuli tal-iskejjel, billi n-nisa u l-bniet jiġu mħeġġa jsegwu karrieri fix-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija, l-arti u l-matematika (STEAM) u billi jiġu miġġielda l-istereotipi marbuta mal-ġeneru fl-edukazzjoni;

8. Jissottolinja l-fatt li ż-żieda fl-użu tad-data u tat-teknoloġiji edukattivi emerġenti se tittrasforma s-sistemi edukattivi tagħna u tgħin fit-tiżi tagħhom, pereżempju billi ttejjeb il-fehim tal-metodi u l-istili ta' kif l-istudenti jitgħallmu, jew billi tidentifika diffikultajiet fit-tagħlim; jinnota li madankollu se jkun essenzjali li jinżamm approċċ lejn l-istudenti u l-ħtiġijiet tagħhom li jkun iffukat fuq il-bniedem u personalizzat, u li t-trażmissjoni tal-għarfien mill-għalliema u l-edukaturi lill-ġenerazzjonijiet li tilgħin tibqa' vitali għall-proċess tal-edukazzjoni; itenni li l-ħiliet bħal-litteriżmu medjatiku u l-ħsieb kritiku se jkunu essenzjali għall-edukazzjoni diġitali ta' suċċess; iqis li l-aċċess miftuħ, nondiskriminatorju u ekwu għall-edukazzjoni u għad-data u l-pubblikazzjonijiet xjentifiċi abbażi tal-prinċipji tad-data FAIR (rintaċċabbli, aċċessibbli, interoperabbli, riutilizzabbli) huwa essenzjali għas-suċċess tal-innovazzjoni u x-xjenza;
9. Ifakkar li l-protezzjoni tad-data fl-iskejjel hija kwistjoni partikolarment sensittiva minħabba l-fatt li l-persuni kkonċernati huma minorenni; itenni li jrid jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tad-data tal-istudenti individwali u li din għandha tintuża biss għal skopijiet edukattivi, iżda taħt l-ebda ċirkostanza ma għandha tintuża għal skopijiet kummerċjali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġjaw l-iżvilupp u t-tiżi ta' pjattaformi tat-tagħlim sikuri, faċli għall-utent u aċċessibbli u jikkontribwixxu għalihom; iħeġġeġ lill-Istati Membri jistabbilixxu kampanji ta' informazzjoni u ta' sensibilizzazzjoni mmirati biex jgħinu lill-ġenituri jifhmu aħjar x'użu jista' jsir mid-data tat-tfal tagħhom;
10. Jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra l-użu tal-fondi u l-programmi tal-UE biex tappoġġja b'mod effettiv it-tagħlim u t-taħriġ tul il-ħajja sabiex jittejjeb l-kompetenzi fl-analiżi tad-data u l-aspetti etiċi tagħha għall-persuni ta' kull età; iqis li dan irawwem l-iżvilupp, il-kreattività u l-benessri tagħhom, u jiżgura l-parteċipazzjoni attiva tagħhom fis-soċjetà permezz ta' approċċ ġenwin ta' tagħlim tul il-ħajja permezz ta' strateġiji ċari kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak tal-UE; iqis, barra minn hekk, li dan iżid l-awtonomija u r-reżiljenza tal-UE fil-livell teknoloġiku; jistieden lill-UE tinvesti fl-ipproċessar u l-ħżin sigur u ta' kwalità għolja tad-data, f'kapaċitajiet teknoloġiċi u f'infrastruttura strateġika;
11. Jenfasizza li l-ħiliet diġitali huma kruċjali biex persuna tipparteċipa bis-ħiħ fl-ekonomija u s-soċjetà diġitali, u fit-tiswir tal-proċessi demokratiċi; jitlob li l-implimentazzjoni tal-istrateġija Ewropea għad-data għandha tqis il-ħtiġijiet speċifiċi tal-gruppi differenti, speċjalment il-gruppi vulnerabbli u daww li huma żvantaġġati f'dawk li huma kapaċitajiet u aċċess għall-għodod diġitali; jinnota li l-persuni li jappartjenu lil gruppi vulnerabbli huma esposti għal riskju akbar ta' esklużjoni mill-parteċipazzjoni fil-forom tradizzjonali ta' edukazzjoni u kultura; ifakkar li kważi 100 miljun persuna b'diżabilità fl-UE qed iħabbtu wiċċhom ma' sfidi partikolari fl-aċċess għall-għodod diġitali u għal edukazzjoni ta' kwalità; jistieden lill-Istati Membri jagħmlu kull sforz biex jiżguraw li l-persuni b'diżabilità u gruppi vulnerabbli oħra jkollhom aċċess sħiħ għall-edukazzjoni diġitali u għall-għodod, ir-riżorsi u l-infrastruttura rilevanti sabiex jiġi

sfruttat il-potenzjal sħiħ tad-diġitalizzazzjoni u jiġi evitat li jitwessgħu d-distakki bejn il-partijiet differenti tas-soċjetà f'dak li hu aċċess għall-edukazzjoni diġitali; jenfasizza li għandha tingħata attenzjoni speċjali lil soluzzjonijiet li jirrispettaw l-ambjent mid-disinn tagħhom, peress li kemm it-trasformazzjoni diġitali kif ukoll dik ekoloġika jridu jimxu id fid;

12. Jistieden lill-Kummissjoni tesplora l-merti potenzjali u l-ambitu tal-ħolqien ta' spazju komuni Ewropew tad-data għas-setturi u l-industriji kulturali u kreattivi b'mod ġenerali; jemmen li d-diġitalizzazzjoni tal-wirt kulturali hija meħtieġa biex dan jiġi promoss kif ukoll protett, u tali diġitalizzazzjoni tista' tkun utli u ta' benefiċċju b'varjetà wiesgħa ta' modi, pereżempju billi tiffaċilita l-protezzjoni u l-preservazzjoni fiżika jew billi tippermetti applikazzjonijiet virtwali tridimensjonali, li jistgħu jkunu adattati għat-turiżmu; jinnota li d-diġitalizzazzjoni tal-wirt kulturali tista' tikkontribwixxi biex dan jitwassal lil udjenzi usa' li qabel ma setgħux ikollhom aċċess għalih, filwaqt li jiġi rikonoxxut li l-aċċess diġitali ma jistax jissostitwixxi kompletament l-aċċess fiżiku għall-wirt kulturali; jinnota li d-diġitalizzazzjoni tal-wirt kulturali tista' taqdi skopijiet addizzjonali f'varjetà ta' setturi oħra bħar-riċerka, l-edukazzjoni u l-iżvilupp tal-għarfien kulturali; jitlob li jiġi żviluppat spazju komuni Ewropew tad-data dwar il-wirt kulturali, li jista' jinbena fuq il-bażi tal-Infrastruttura tas-Servizzi Diġitali Ewropeana. jitlob li l-protezzjoni u l-promozzjoni tal-wirt kulturali permezz ta' mezzi diġitali jissaħħu, pereżempju permezz tal-kooperazzjoni u bażi ta' data komuni tat-teżori u l-oġġetti kulturali misruqa;
13. Jirrimarka li s-settur kulturali għandu ammont sinifikanti ta' data li tista' terġa' tintuża, li meta tiġi kkombinata ma' sorsi oħra, inklużi sorsi ta' data miftuħa, u mal-analitika tad-data, tista' tgħin lill-istituzzjonijiet kulturali jżidu l-kondiviżjoni tal-għarfien, jifhmu aħjar lill-udjenza tagħhom u jikkonnettjaw ma' waħda ġdida, jidentifikaw lakuni li jistgħu jiġu indirizzati permezz ta' inizzjattivi, u jsostnu lid-deċiżjonijiet strateġiċi u operazzjonali tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jesploraw il-potenzjal ta' mħażen virtwali transfruntiera tad-data għas-settur kulturali; jistieden lill-Kummissjoni tibqa' espliċitament attenta u reattiva għad-diversità tas-setturi u l-industriji kulturali u kreattivi filwaqt li tkun qed telabora l-leġiżlazzjoni futura dwar il-flussi tad-data;
14. Jappella biex l-UE tkun ta' quddiem nett fil-qasam tal-IA, kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat; jenfasizza l-opportunitajiet mogħtija mill-użu tal-IA fl-edukazzjoni; jenfasizza li kwalunkwe leġiżlazzjoni ġdida f'dan il-qasam trid tosserva d-drittijiet fundamentali, inkluż id-dritt għall-protezzjoni tal-privatezza u tad-data personali, u tikkontribwixxi għall-istabbiliment ta' standards etiċi għolja;
15. Jenfasizza li l-għoti ta' aċċess lill-kumpaniji tal-media għad-data rilevanti, bħal dwar sa fejn tilħaq l-udjenza u d-data dwar ir-reklamar, minn pjattaformi dominanti fis-suq huwa kruċjali biex jgħin fil-prevenzjoni tal-kompetizzjoni inġusta u fl-isforzi biex ikun hemm kundizzjonijiet ekwi;
16. Jistieden lill-Istati Membri jkomplu jtejbu s-sħubijiet bejn il-kumpaniji tat-teknoloġija u l-istituzzjonijiet kulturali li jistgħu jagħtu lil dawn tal-aħħar aċċess għal talenti diġitali, spazju, data, tagħmir, finanzjament u opportunitajiet ta' tagħlim bejn il-pari; jistieden lill-Kummissjoni tqis is-setturi u l-industriji kulturali u kreattivi u l-ħtiġijiet partikolari

tagħhom fl-istrateġija Ewropea għall-SMEs li jmiss; jenfasizza li l-leġislazzjoni futura fil-qasam tad-data trid tibqa' sempliċi u tkun tinkludi gwida ċara biex tiġi evitata r-regolamentazzjoni żejda; ifakkar li l-mikrointrapriżi u l-intrapriżi żgħar u medji (SMEs), inklużi s-setturi u l-industriji kulturali u kreattivi, se jkunu jeħtieġu appoġġ addizzjonali sabiex jikkonformaw mal-istandards futuri fil-qasam tar-regolamentazzjoni tal-kondiviżjoni tad-data u l-protezzjoni tad-data; jenfasizza li l-użu tad-data kulma jmur qed isir dejjem aktar importanti għas-setturi u l-industriji kulturali u kreattivi Ewropej; ifakkar li l-kondiviżjoni sigura tad-data hija essenzjali biex tippermetti l-aċċess miftuħ għall-kontenut kulturali, fejn meħtieġ, u tikkontribwixxi għall-garanzija tal-libertà tal-kreazzjoni, kif ukoll għall-prevenzjoni tad-distorsjoni tas-suq tad-data u tal-konċentrazzjoni tad-data f'idejn, pereżempju, flit pjattaformi; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu żviluppati formati ta' data komuni, unifikati u strutturati bbażati fuq standards miftuħa u r-rikonossiment reċiproku tar-regoli tal-interoperabbiltà, li jistgħu jkunu adatti għat-tagħlim tal-magni.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	26.1.2021
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 27 -: 1 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Asim Ademov, Isabella Adinolfi, Andrea Bocskor, Ilana Cicurel, Gilbert Collard, Gianantonio Da Re, Laurence Farreng, Tomasz Frankowski, Alexis Georgoulis, Hannes Heide, Irena Joveva, Petra Kammerevert, Niyazi Kizilyürek, Dace Melbārde, Victor Negrescu, Marcos Ros Sempere, Domènec Ruiz Devesa, Andrey Slabakov, Massimiliano Smeriglio, Michaela Šojdrová, Sabine Verheyen, Salima Yenbou, Theodoros Zagorakis, Milan Zver
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Ibán García Del Blanco, Marcel Kolaja, Elżbieta Kruk, Radka Maxová, Diana Riba i Giner

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

ECR	Elżbieta Kruk, Dace Melbārde, Andrey Slabakov
NI	Isabella Adinolfi
PPE	Asim Ademov, Andrea Boeskor, Tomasz Frankowski, Michaela Šojdrová, Sabine Verheyen, Theodoros Zagorakis, Milan Zver
Renew	Ilana Cicurel, Laurence Farreng, Irena Joveva, Radka Maxová
S&D	Ibán García Del Blanco, Hannes Heide, Petra Kammerevert, Victor Negrescu, Marcos Ros Sempere, Domènec Ruiz Devesa, Massimiliano Smeriglio
The Left	Alexis Georgoulis, Niyazi Kizilyürek
Verts/ALE	Marcel Kolaja, Diana Riba i Giner, Salima Yenbou

1	-
ID	Gilbert Collard

1	0
ID	Gianantonio Da Re

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni